MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 782/2005

**Paul Azzopardi bhala socju u a nom tas-socjeta` C. Azzopardi & Sons, u l-istess socjeta`**
**vs**
**Alfred u Consolata mizzewgin Camilleri**

Numru
Talba Numru 782/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' elf erbgha mija erbgha u disghin liri Maltija (Lm1494) prezz ta' brazuletta tad-deheb bid-diamanti u zafferi ordnata mill-konvenuti u lilhom konsenjata f'Mejju 2004, bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' qbid.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha qalu li l-ammont mitlub mhux dovut stante li l-brazuletta konsenjata lill-konvenuta ghandha valur ferm aktar baxx minn dak li qed jintalab. Il-konvenuti qalu wkoll li

kkonsenjaw pendent lill-atturi bhala mudell u biex jigi mnaddaf u li l-hagar ta' dan il-pendent gie mibdul.

Ra d-dokumenti esebiti nkluz l-affidavits tal-konvenuti.

Ra x-xhieda ta' Paul Azzopardi, Joseph Azzopardi, Alfred Camilleri u Consolata Camilleri.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Sema t-trattazzjoni da parti tad-difensur ta' l-atturi.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 2006 meta l-konvenuti rrimettew ruhhom ghall-atti.

Ikkusidra

Illi minkejja diversi divergenza fuq id-dettalji tad-diskussjoni bejn il-kontendenti li sehhew mill-mument ta' l-ordni tal-brazuletta sakemm giet prezentata din il-kawza, jidher li l-fatti principali u rilevanti ghar-resoluzzjoni ta' din il-vertenza huma s-segwenti:-

- Il-konvenuti ordnaw brazuletta tad-deheb u hagar prezzjuz minghand l-atturi bi prezz ta' Lm1,300.
- Sussegwentement u minhabba xi zieda li kellha ssir kemm fid-deheb u fil-hagar uzati l-prezz originarjament miftiehem kellu jghola.
- Wara li l-brazuletta tlestiet giet ikkonsenjata lill-konvenuti meta l-konvenut mar jigborha minghand l-atturi f'Mejju 2004.
- Il-konvenuti accettaw il-brazuletta (il-konvenuta sahansitra libsietha fit-tieg ta' wiehed minn uliedha), zammewha ghandhom, u ma gietx ritornata lill-atturi jew depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti.
- Il-konvenuti ghadhom ma hallsu xejn lill-atturi.

It-Tribunal ihoss li l-aktar punt rilevanti ghall-kaz in ezami huwa l-ghagir tal-konvenuti jew ahjar l-inertia taghhom li zgur timmilita kontra taghhom.

Huma jallegaw li ndunaw bid-difetti fil-brazzuletta dak inhar stess li hadu konsenja taghha pero xorta accettawha. Mhux talli accettawha imma ntilbset. Di piu l-konvenuti ma hadu l-ebda inizjattiva biex jaffrontaw lill-atturi b'dawn id-difetti. Il-komunikazzjonijiet telefonici li kien hemm bejn il-kontendenti wara l-konsenja tal-brazuletta saru fuq inizjattiva ta' l-atturi biex jigbru l-prezz tal-brazuletta. Kien biss meta l-atturi rnexxielhom jikkomunikaw mal-konvenuti li dawn ressqu xi lment dwar il-brazuletta.

L-unika inizjattiva li hadu l-konvenuti kienet li gabu stima tal-brazuletta minghand il-konslu tad-deheb (Dok DC1 a fol 37). F'dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax ma jirrilevax li din l-istima ntalbet f'Settembru 2005 meta din il-kawza kienet gia avjata sewwa. Ghalhekk huwa car li din l-istima ntalbet mhux a tempo vergine imma bhala tentattiv in extremis biex jiggustifikaw in-nuqqas ta' hlas da parti taghhom.

It-Tribunal ihoss li ghandu jigi rilevat ukoll li l-istima prezentata mill-konvenuti mhiex guramentata u ghalkemm taghmel referenza ghal "one bangle with stone and diamonds" m'hemm l-ebda prova (oltre x-xhieda tal-konvenuti) li din tirreferi ghall-brazuletta mertu tal-kawza. In oltre hemm rimarka f'dan id-dokument li tindika li l-valur mghoti huwa "*for insurance purposes only*".

Pero fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat huwa l-prezz miftiehem kif mizjud wara li gie miftiehem ukoll li kellu jizdied d-deheb u l-hagar. Jekk il-konvenuti deherilhom li l-oggett konsenjat lilhom kien ta' valur anqas minn dak miftiehem kellhom rimedji legali li setaw jirrikorru ghalihom. Huma m'ghamlu xejn minn dan, zammew il-brazzuletta pero ma hallsux prezzha.

In konkluzjoni t-Tribunal ihoss li ghandu jirreferi ghall-allegazzjoni maghmula mill-konvenuti li l-hagar tal-pendent, li huma taw lill-atturi bhala kampjun, gie mibdula. Jirrizulta mill-atti li l-pendent kien ghamel xi zmien ghand l-atturi u gie rikonsenjat lill-konvenuti qabel ma tlestiet il-brazuletta. Ghalhekk jekk il-konvenuti verament hasbu li l-

hagar gie mibdul kellhom kull opportunita, qabel ma hadu konsenja tal-brazuletta li jaffrontaw lill-atturi b'dan il-fatt. Fir-realta jirrizulta li l-konvenuti lanqas fir-rigward ta' din l-allegazzjoni ma hadu l-ebda inizjattiva fil-konfront ta' l-atturi. Mhux talli hekk talli ikkonkuldew in-neozju ma'l-atturi billi eventwalment accettaw il-konsenja tal-brazzuletta.

It-Tribunal huwa tal-fehma li dan jimpingi fuq il-kredibilita tal-konvenuti partikolarment meta wiehed iqis u jzomm kont ukoll tad-inezattezzi u riluttanzi li jirrizultaw fid-depozizzjonijiet taghhom. Per ezempju:-

- Il-konvenut jghid f'l-affidavit tieghu li meta gew mis-safar (dan jirrizulta li kien f'Novembru 2004) marru jiccekjaw fuq il-brazuletta li giet stmata Lm1,000. Id-dokumenti juri li l-istima l-konvenuti gabuha f'Settembru tas-sena 2005.
- Il-konvenut jghid (fid-deposizzjoni tieghu tal-15 ta' Frar 2006 in kontro ezami) li ghalkemm iccekkjaw fuq il-hagar ma marrux ghand l-atturi biex jilmentaw u lanqas kitbulu lill-Azzopardi.
- Il-konvenut jghid li huma damu erba' xhur barra, minn Lulju sa Novembru 2004, meta l-konvenuta tghid li ppjanaw btala ta' erba' xhur pero damu anqas u gew qabel; fl-istess deposizzjoni (dik tat-30 ta' Marzu 2006) il-konvenuta qalet li ma tiftakarx la s-sena u lanqas ix-xhur meta sifru. Dan minkejja li mill-atti u depozizzjonijiet tal-konvenuti stess jirrizulta li huma siefru xi gimghat wara t-tieg tat-tifel.

In vista tas-suespost it-Tribunal huwa tal-fehma li m'hemm l-ebda raguni valida a bazi ta' liema l-atturi m'ghandhomx jithallsu l-prezz miftihem ta'l-oggett minnhom manifatturat u konsenjat lill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf erbgha mija erbgha u disghin liri Maltija (Lm1494) bl-imghax mit-12 ta' Mejju 2005 u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------